Minuti tal-Laqgħa Nru. 35 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 23 ta' Frar 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Dr. Frank Psaila<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenza għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tender: Ġbir ta' Skart Imħallat
5. Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 34 li, peress li ma kienx hemm emendi għalihom, ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sinjura Luċia Massa u ssekondata mis-Sur Joseph Camilleri.

## 2. RIFERENZA GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Victor Caruana qal li peress li fl-aħħar laqgħa ġie mitlub mill-Kunsill biex jistħarreġ għal xi kwotazzjonijiet biex jinxtara vann għall-użu tal-Kunsill, għalhekk kien qiegħed iressaq xi kwotazzjonijiet għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill.

2.2 Flimkien mal-kwotazzjonijiet , is-Sur Caruana ta wkoll speċifikazzjonijiet ta' mudelli diversi ta' vannijiet bit-*tail-lift* u l-prezzijiet mitluba għalihom ivarjaw minn 14,000 Euro, 8,000 Euro, 11,750 Euro, 5,000 Euro u 3,500 Liri Maltin. Dan ta' l-aħħar għad irid jidħol Malta u, ġie miftiehem li meta jidħol imorru jarawħ (is-Sindku, is-Sur Caruana, is-Sur Piscopo u kull min irid mill-Kunsillieri) għand ta' Burmarrad.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza kollha li daħlet sat-23 ta' Frar 2010, fosthom:

a) Ittra flimkien mal-programm taż-żjara tal-Papa Benedettu XVI mibgħuta mill-Kumitat Organiżżattiv, liema programm jikkonferma li l-Papa se jgħaddi mit-toroq ewlenin ta' Ħal Luqa.

b) Email mid-DGL dwar applikazzjonijiet li jagħlqu fil-31 ta' Marzu 2010 taħt l-''*Operational Programme''* bejn l-Italja u Malta għal proposti ta' Proġetti ordinarji.

c) Email mid-DGL dwar il-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali.

d) Email minn GreenPak Ltd. dwar għotja ta' 150,000 boroż riċiklabbli li se jingħataw mingħajr ħlas lil familji f'Kunsilli Lokali li jaħdmu magħhom.

e) Ġiet innotata ittra li l-Kunsill Lokali Luqa bagħat lil Dr Stephanie Xuereb, Direttur tad-Dipartiment ta' l-Anzjani, li titlob li l-Kunsill ikun aġġornat dwar x'qed isir u x'hemm ippjantat li jsir dwar it-trasferiment tal-Berġa u ta' l-Ispiżerija għall-binja tal-Kunsill fi Triq il-Ġdida.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sat-23 ta' Frar 2010.

## 4. TENDER : GBIR TA' SKART

4.1 Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill din it-Tender ġiet aġġudikata lil Northern Cleaning Group Ltd. B'konsegwenza ta' hekk, dan l-item tpoġġa fuq l-Aġenda sabiex, wara li jgħaddu għaxart- (10) ijiem mill-aġġudikazzjoni u f'każ li ħadd mill-offerenti ma jappella, isir l-ftehim mal-kuntrattur li lilu ġiet aġġudikata.

4.2 Is-Sindku żied igħid li għalissa it-Tender ma tistax tingħata peress li wieħed mill-offerenti ressaq appell quddiem id-Direttur tal-Kuntratti. Minħabba f'hekk l-għoti tat-Tender ġie sospiż sakemm jinstema' l-appell u tittieħed deċiżjoni. Is-Sindku kompla jgħid li l-appellant qiegħed joġġezzjona għal xi punti li ngħata taħt l-offerta teknika.

## 5. ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-17 ta' Frar 2010 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, is-Sindku fis-6.15 p.m. iddikjara l-laqgħa bħala magħluqa, filwaqt li ġiet ifissata d-data tat-18 ta' Marżu 2010 għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

- Konfermati llum 18 ta' Marzu 2010.

| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |
|---|---|